**- KOLLIZZJONI -**

**- VEROSIMILJANZA; KORROBORAZZJONI -**

***- PROPER LOOK OUT -***

**- PRUDENZA FIS-SEWQAN -**

**- NEGLIGENZA U TRASKURAGINI GROSSOLANA -**

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta' Gunju, 2001

**Kawza Numru: 25**
**Citazzjoni Numru: 532/00/RCP**

**Emanuel u Carmen konjugi Mercieca u George Mercieca**

**vs**

**Daniel Camilleri u b'digriet tal-4 ta' Mejju 2000 gie ordnat l-intervenut fil-kawza in *statu et terminis* tas-socjeta` Elmo Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta`**

**estera Royal and Sun Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta` estera Sun Alliance and London Insurance plc.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fl-ghaxra (10) ta' April 1998 ghal habta tal-4.30 p.m., l-attur George Mercieca kien qieghed isuq vettura tat-tip "Renault" (numru tar-registrazzjoni RJX 188) bi speed moderat u bid-diligenza kollha rikjesta minnu fil-ligi u kien gej mid-direzzjoni ta' Windmill Street, Xewkija, Ghawdex, u sejjer jipprocedi lejn id-direzzjoni tal-iskola tax-Xewkija, Ghawdex.

Illi l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni EAW 202 propjeta` ta' certu Carmel Camilleri mid-direzzjoni opposta u cioe` mid-direzzjoni tal-iskola tax-Xewkija, Ghawdex bi speed esagerat, u kien qieghed sahansitra jipprocedi biex jidhol f'parti minn Soil Street, Xewkija, Ghawdex li hija *one way*, bir-rizultat li investa l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni: RJX-188 misjuqa mill-attur, George Mercieca u ikkawzalu danni ngenti fiha.

Illi ghalhekk l-istess incident awtomoblistiku gara unikament minhabba traskuragni grassa, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut u huwa ghalhekk responsabbli ghad-danni kollha konsegwenzjali.

Illi l-istess attur talab li l-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghal incident stradali, hawn fuq imsemmi;

2. tillikwida d-danni kollha sofferit mill-atturi minhabba l-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi;

3. tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-atturi d-danni kollha hekk sofferit u likwidati;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Jannar 2000 u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni li minn issa huwa mharrek.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 24 tal-process;

Rat li ghalkemm notifikat fit-30 ta' Marzu 2001 (a tergo ta' fol 26 u fol 27) il-konvenut Daniel Camilleri baqa' ma

pprezenta ebda nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat il-verbal tal-4 ta' Mejju 2000 fejn Dr Zammit McKeon informa l-Qorti li gie prezentat rikors, biex is-sojceta` assiguratrici Elmo Insurance Agency Ltd nomine tintervjeni fil-kawza in *status et terminis*. Dr Edward Gatt ma opponiex. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat l-intervenut fil-kawza tas-socjeta` fuq indikata fil-kwalita` taghha premessa fl-istess rikors. Il-kawza giet differita ghall-provi attrici ghat-28 ta' Gunju 2000.

Rat ir-rikors tas-socjeta` Elmo Insurance Agency Limited tat-8 ta' Mejju 2000.

Rat in-nota ta' George Mercieca tas-6 ta' Gunju 2000 u d-dokumenti hemm esebiti (fol 33 sa 38).

Rat il-verbali tat-28 ta' Gunju 2000 u tat-12 ta' Lulju 2000 fejn xehed PS 261 Raymond Caruana. Inghata digriet tal-affidavit u l-Qorti halliet il-kawza ghall-konkluzzjoni tal-provi attrici ghas-7 ta' Dicembru 2000.

Rat il-verbal tas-7 ta' Dicembru 2000 fejn Dr Refalo esebixxa nota b'erba' ritratti. Inghata digriet tal-affidavit tal-intervenut fil-kawza ta' sittin (60) jum u l-kawza giet differta ghall-konkluzzjoni tal-provi tal-intervenut fil-kawza ghall-1 ta' Marzu 2001.

Rat in-nota tal-intervenut fil-kawza Elmo Insurance Agency Limited fejn permezz taghha produciet ix-xhieda ta' Daniel Camilleri permezz tal-procedura tal-affidavit (fol 62 sa 64).

Rat il-verbali tal-1 ta' Marzu 2001, tal-10 ta' Mejju 2001 fejn stante li Dr Zammit McKeon ma deherx, il-Qorti ghamlet xi mistoqsijiet lix-xhieda Stefan Stivala u l-konvenut Daniel Camilleri. Dr Refalo talab li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Gunju 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) NATURA TAL-AZZJONI ATTRICI.

Illi din l-kawza titratta dwar kollizzjoni li grat fl-10 ta' April 1998 f'Windmill Street, Xewkija, meta l-attur kien qed isuq il-vettura Reg. No. RJX 188 u l-konvenut kien qed isuq il-vettura Reg. No. EAW 202, fejn qed jigi allegat li l-istess kollizzjoni grat minhabba traskuragini da parte tal-istess konvenut, u ghalhekk qed jintalab li l-istess konvenut jigi dikjarat responsabbli ghall-istess sinistru u l-konsegwenti danni.

## (B) Provi Prodotti.

Illi **George Mercieca** sostna li kellu mieghu lill-Marie Josette Rapa fuq quddiem u lill-Giorgia Rapa fuq wara tal-passigier ta' quddiem. Kien ghaddej fid-data indikata li kienet gurnata ta' xita u triq kienet imxarba minn Triq il-Mithna, Xewkija fid-direzzjoni ta' Triq il-Hamrija, bi speed moderat u fuq il-karreggiata tieghu meta ra vettura gejja ghal fuqu b'velocita' fuq in-naha hazina tat-triq mid-direzzjoni ta' Triq il-Hamrija; l-istess konvenut deher li qabez il-*yellow line* u kien behsiebu jmur in-naha l-ohra ta' Triq il-Hamrija li hija *di piu' one way*. Ix-xhud ghaffas mill-ewwel il-*brakes* izda kien kollu ghal xejn, u fil-fatt saret il-habta li dawritu u spicca kif indikat fl-iskizz. Cahad li hareg minn Triq La Vallette fejn hemm *stop sign* u dan ma ghandu x'jaqsam xejn mal-incident. Fil-fatt hsara kellu biss fuq quddiem min-nofs ghal fuq ix-xellug tieghu.

Illi **Georgina Rapa** fl-affidavit taghha a fol 37 tal-process ikkonfermat il-persuni li kien hemm fil-karozza u wkoll li kienu gejjin mill-Imgarr Ghawdex minn go Triq il-Mithna fid-direzzjoni ta' Triq il-Hamrija biex jaraw plots tal-*Home Ownership Scheme* tal-Gvern. Rat karozza gejja mid-direzzjoni opposta li kien ghaddej bi speed mhux hazin fuq in-naha l-hazina tat-triq, qasam il-linja is-safra u baqa' diehel fil-vettura misjuqa minn George Mercieca, u bil-habta l-karozza daret u spiccat kif indikat fl-iskizz. Illi mill-

*brake marks* li halla l-konvenut jidher li kien sejjer ghad-direzzjoni tat-Triq il-Hamrija li hija *one way.*

Illi **Marie Josette Rapa** fl-affidavit taghha a fol. 38 tal-process sostniet li kienu mexjin bil-mod ghad-direzzjoni ta' Triq il-Hamrija meta rat lill-konvenut gej mid-direzzjoni opposta, fuq il-*wrong side* u bi speed eccessiv bl-intenzjoni li jidhol fi Triq il-Hamrija li hija *one way,* qabez il-*yellow line* u beda jidhol kontra l-*one way* fi Triq il-Hamrija u sar l-impatt li dawwar il-karozza tal-attur kif indikat fl-iskizz tal-pulizija.

Illi **PS 261 Raymond Caruana** fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2000 sostna li fit-Triq il-Mithna ma hemm l-ebda *stop sign* izda hemm *No Entry* sign fi Triq il-Hamrija iktar il-gewwa minn dak inidkat fl-iskizz u it-triq tidjieq. Iz-zewg sewwieqa kienu fuq in-naha taghhom tat-triq pero' sostna li is-sewwwieq ta' *"EAW 202 donna kienet sejra ghal gol-one way".* Illi sostna li Windmill Street hija *main road* ghaliex hija t-triq principali tax-Xewkija, iktar wiesgha u jghaddu l-karozzi tal-linja minnha u La Vallette Street u Soil Street li huma *side streets* ghaliex ma jintuzaw ghal xejn. Illi f'Windmill Street sa Triq il-Hamrija hemm *continuous yellow line* sabiex ma jipparkja hadd ma dik il-parti tat-triq.

Illi **Daniel Camilleri** fl-affidavit tieghu tat-3 ta' Jannar 2001 a fol. 63 tal-process sostna li huwa kien sejjer minn Triq il-Hamrija ghal go Windmill Street sabiex immur ghall-Mgarr Road, u mieghu kellu lill-Stefan Stivala u kien miexi b'xi 40

-50 k.m.fis-siegha; meta kien xi ghaxar (10) metri l-boghod mill-inkrocju ma Triq La Vallette ra wieqfa qed tisporgi mill-istess triq lill-karozza misjuqa minn George Mercieca, u dak il-hin kien jidher biss il-quddiem tal-istess karozza; baqa' ghaddej normali u kif wasal lejn l-inkroccju is-sewwieq l-iehor hareg, imblokkah u waqaf, u kif ra hekk huwa gibed fuq il-lemin tieghu u skiddja tul ta' sitt (6) metri u bil-*mudguard* tax-xellug tieghu baqa' diehel fuq il-lemin tal-*bonnet* tal-karozza tal-attur u mhux kif indikat fl-iskizz.

Illi fix-xhieda tieghu tal-10 ta' Mejju 2001 sostna li ra' Peugot hierga minn fuq *side street* minn fuq ix-xellug tieghu u dan rah xi hdax (11) il-metru jew izjed meta kien ghaddu fi Triq il-Hamrija. Sostna li din il-karozza baqghet hierga; l-intenzjoni tieghu kien li jmur ghat-triq ta' faccata. Kien ghaddej b'sittin (60) k.m probabilment.

**Stefan Stivala** fl-istess seduta tal-10 ta' Mejju 2001 sostna li huwa ma kellux ideja fejn kienu pero' kienu dehlin go villagg u harget karozza bajda sal-bieba tad-*driver.* Sostna li kellhom hsara fil-*bull bar* u ftit mal-*mudguard* fuq in-naha tal-passigier u l-ohra fuq in-naha tad-*driver.* Sostna li kienu nezlin lejn ic-Cirkewwa.

(C) APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi f'din il-kawza huwa ovvju li l-partijiet qed jaghtu versjonijiet ghal kollox differenti minn xulxin, u ghalhekk

necessarjament din il-Qorti trid tezamina abbazi tal-provi prodotti liema wahda minn dawn il-versjonijiet hija dik kredibbli, u dan jiddependi fuq liema wahda mill-allegazzjonijiet tal-partijiet hija fil-fatt korroborata u wkoll l-iktar verosimili.

Illi l-versjoni tal-attur huwa li ibnu kien qed isuq fi Triq il-Mithna, Xewkija bl-intenzjoni li jibqa' sejjer ghad-dritt ghal Triq il-Mithna, meta l-konvenut gej mid-direzzjoni opposta minn Triq il-Hamrija baqa' hiereg ghad-dritt bl-intenzjoni li jidhol go l-parti l-ohra ta' Triq il-Hamrija li hija *one way* bir-rizultat li sar l-impattt. Il-konvenut minn naha l-ohra sostna li s-sewwieq tal-karozza attrici kien qed isuq minn La Vallette Road hareg f'daqqa u b'hekk sar l-impatt.

Illi nmin dawn il-versjonijiet jidher car li t-tezi tal-istess konvenut ma hija bl-ebda mod kredibbli u dan ghar-ragunijiet segwenti:-

(a) Illi fl-ewwel lok sostna li huwa ra lis-sewwieq tal-karozza attrici jisporgi il-barra minn Triq La Vallette meta l-istess konvenut kien ghadu 10 jew 11 il-metru fi Triq il-Hamrija. Illi dan assolutament ma jistax ikun, stante li jekk l-istess konvenut, kif qal, kien qed isuq fuq in-naha tieghu tat-triq huwa impossibbli li minn dik id-distanza jara lil min hiereg minn Triq La Vallette u dan peress li z-zewg toroq qeghdin kantuniera ma xulxin qiesu forma ta' "Y" kif indikat fl-iskizz.

(b) Illi fix-xhieda tieghu l-konvenut sostna li s-sewwieq tal-karozza attrici l-ewwel waqaf mal-*istop sign* u dan meta l-konvenut kien distanza ta' 10 metri il-boghod u imbghad waqt li l-konvenut baqa' jsuq normali, l-istess sewwieq tal-vettura attrici hareg f'daqqa minn La Vallette Street u sar l-impatt. Illi dan ma jistax ikun stante li kieku hekk, l-impatt ma kienx issir kif indikat fl-iskizz fuq in-naha ta' fejn kienet gejja il-karozza attrici lejn dik il-parti ta' Triq il-Hamrija li hija *one way,* izda kienet issir vicin l-inkroccju ta' Triq il-Hamrija minn fejn kien gej il-konvenut ma kif tispicca La Vallette Road. Kull konkluzzjoni ohra fil-verita' lanqas biss taghmel sens.

(c) Illi l-konvenut sostna li l-hsara fuq il-vettura tal-attur kienet fuq quddiem fuq in-naha tal-lemin, cioe` in-naha tas-sewwieq, meta fil-fatt jidher car anke mir-ritratti esebiti mill-attur  a fol. 21 sa fol. 24 tal-process li d-daqqa fuq il-karozza attrici kienet fuq quddiem lejn ix-xellug. Dan jinsab ukoll ikkoroborrat mis-Surgent PS 261 Raymond Caruana li investiga l-incident , kemm mix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, u kemm mill-okkorenza li tinsab esebita a fol. 6, 7 u 8 tal-process.

(d) Illi la darba l-impatt fuq il-vettura tal-karozza attrici kienet kif immarkata fl-iskizz a fol. 5 tal-process u cioe' fuq in-naha ta' quddiem fuq ix-xellug huwa impossibbli li l-impatt sar bejn karozza hierga minn La Vallette Road u karozza gejja minn Soil Street minn fejn kien gej il-konvenut, ghaliex tenut kont tal-fatt li l-ewwel triq hawn

imsemmija tigi laterali u fuq ix-xellug ghal dik li minna kien gej il-konvenut, kieku d-daqqa fuq il-karozza attrici kienet tkun fuq il-genb jew quddiem lemini u qatt fuq ix-xellug.

(e) Illi jidher ukoll li l-konvenut ikkontradixxa wahdu lilu innifsu stante li fl-affidavit qal li George Mercieca l-ewwel waqaf kif kien gej minn La Vallette Road, u mbaghad kif il-konvenut wasal fl-inkroccju tal-istess triq ma dik minn fejn kien ghaddej hu, cioe' Triq il-Hamrija, s-sewwieq l-iehor hareg f'daqqa, mentri fix-xhieda *viva voce* sostna li l-istess sewwieq tal-karozza attrici baqa' hiereg minn La Vallette Road.

(f) Illi fl-ahharnett jekk wiehed ghall grazzja tal-argument kellu jaccetta l-versjoni tal-konvenut u jezamina it-tezi tal-konvenut li sostna li lis-sewwieq tal-karozza attrici rah wieqaf u jisporgi minn La Vallette Road bi ftit (haga li impossibbli li jara stante l-kantuniera pjuttost accentwata li hemm bejn l-istess toroq) u dan meta l-istess konvenut sostna li kien ghadu 10 jew 11 il-metru il-gewwa fi Triq il-Hamrija, kienet imprudenza da parte tieghu li jibqa' ghaddej bl-istess speed ta' bejn 40 sa 60 k.m. fis-siegha, iktar u iktar meta kien jidher car li gej ghall-inkroccju.

Illi apparti dawn l-inkonsistenzi kollha jidher car mill-iskizz tal-istess incident u ukoll mill-*brake mark* li halliet il-karozza tal-konvenut li d-direzzjoni li kien qed jigbed ghaliha l-konvenut kienet dik ghat-triq ta' faccata li hija *one way* u li jisimha Triq il-Hamrija, u ghalhekk mill-posizzjoni tal-istess

*brake marks* jidher li l-konvenut kien *wrong side* u wkoll baqa' diehel fuq il-karreggiata li kien ghaddej minnha George Mercieca li kien miexi dritt mal-linja safra li hemm fil-genb tal-istess triq sabiex jidhol go Triq Il-Hamrija. B'hekk minn dan jirrizulta li l-konvenut ostakola l-karreggiata minn fejn kien gej George Mercieca, u dan ghaliex l-istess konvenut bla ma ha l-prekawzzjonijiet necessarji baqa' hiereg ghad-dritt minn go Triq il-Hamrija bl-intenzjoni li jibqa' sejjer ghad-dritt fil-parti l-ohra ta' Triq il-Hamrija li hija wkoll *one way.*

Illi din il-versjoni hija korroborata mix-xhieda kollha attrici inkluza dik tas-Surgent li investiga l-incident u meta mar fuq il-post spjega li mid-direzzjoni li kienet il-karozza tal-konvenut deher li l-konvenut kellu l-intenzjoni li jidhol f'Soil Street li hija *one way,* u cioe' tohrog minnha biss u mhux fid-direzzjoni li minnha kien ghaddej il-konvenut, izda proprju bil-kontra.

Illi din il-versjoni attrici hija wkoll l-aktar verosimili meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-karozzi kif spiccaw, d-daqqiet fuq l-istess karozzi u fejn sar l-impatt u fil-fatt jista' jinghad li fuq il-provi kollha prodotti din hija l-unika spjegazzjoni accettabbli ghall-kollizzjoni *de quo*.

Illi anzi din il-Qorti mill-mod kif xehed il-konvenut u Stefan Stivala, li kien passigier fl-istess karozza, hija konvinta li l-konvenut lanqas biss kien jaf fejn irid immur, u lanqas fejn kien ezatt qieghed, u minflok saq b'mod kawt, saq b'mod

ghal kollox traskurat billi litteralment halla kollox ghar-riehu, jigi kif jigi u baqa' isuq fit-toroq li kien hemm quddiemu bla ebda sinjal ta' prudenza jew esplorazzjoni, b'mod li t-terminu *traskuragini grassa* uzat fic-citazzjoni attrici sabiex jispjega is-sewqan negligentissimu tal-konvenut jidher li huwa verament addatat ghal dan il-kaz.

Illi ghalhekk jidher car li l-konvenut ghandu jinzamm unikament responsabbli ghall-incident *de quo* stante li saq b'mod negligenti, ma zammx *proper look out* u bl-ebda mod ma ittenta juza prudenza fis-sewqan tieghu, lanqas meta kien konxju tal-fatt li t-toroq minn fejn kien ghaddej ma kienx jafhom sew, u ghalhekk l-istess konvenut ghandu jinzamm ukoll responsabbli ghad-danni kkawzati lill-attur fil-vettura tieghu, stante li huwa kien il-kawza prossima tal-istess incident.

## III. LIKWIDAZZJONI TA' DANNI.

Illi mix-xhieda tal-attur jirrizulta li d-danni sofferti fil-karozza tieghu kienu ta' elf, mitejn u sitta u sebghin lira Maltija u sitt centezmi (Lm1,276.06) konsistenti f'Lm280 *panel beating,* Lm135 *spray painting,* Lm95 xoghol ta' *mechanic,* Lm746.06 *spare parts,* u Lm20 *dinitrol.* Flimkien ma dan iridu jizdiedu l-ammont ta' Lm50 kiri ta' karozza u Lm3 skizz li jtellghu l-ammont ghall elf, tlett mija u disgha u ghoxrin lira Maltija u sitt centezmi (Lm1,329.06).

Illi tali tiswijiet jidher li saru skond *survey* mis-socjeta' assikuratrici tal-konvenut, u ma gew bl-edba mod kontestati u *di piu`* huma ppruvati mir-ricevuti esebiti a fol. 10 sa 19 tal-process, minn Dok. "C" sa Dok. "L" ppresentati mac-citazzjoni attrici, u peress li jidhru li huma ragonevoli l-istess danni qed jigu likwidati fl-ammont ta' elf, tlett mija u disgha u ghoxrin lira Maltija u sitt centezmi (Lm1,329.06).

## IV. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, u filwaqt li tichad kull opposizzjoni ghat-talba attrici mill-intervenut fil-kawza, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghal incident stradali, hawn fuq imsemmi;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi minhabba l-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi fl-ammont ta' elf, tlett mija u disgha u ghoxrin lira Maltija u sitt centezmi (Lm1,329.06).

3. tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-atturi d-danni kollha hekk sofferti u likwidati fl-ammont ta' elf, tlett mija u disgha u ghoxrin lira Maltija u sitt centezmi (Lm1,329.06).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Jannar 2000 u bl-imghax legali mid-data tan-notifka tac-citazzjoni attrici lill-konvenut fit-30 ta' Marzu 2000 sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**28 ta' Gunju 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**28 ta' Gunju 2001.**